Vol 39
Nru 201
Lulju - Settembru 2018

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2018

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Dehra tal-Knisja ta'*
*San Lazzru*

# Werrej



6



17



21



25


6 Il-Knisja u l-Qabar ta’ San Lazzru f’Larnaca, Ċipru

17 Minn ħdejn is-Salib sal-Qabar
In-Nisa l-ewwel xhieda tal-qawmien ta’ Kristu

21 Alla u t-Testment il-Qadim

25 L-Eżorċiżmi ta’ Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark (3)

31 Id-Dixxiplu li ħabb Ġesù:
l-Anonimità u l-Identità fir-Raba’ Evanġelju

37 L-Għadira tal-Galilija qed tinxef?




31

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## ISRAEL STAT LHUDI

Fid-19 ta’ Lulju l-Knesset, il-Parlament Israeljan, għadda liġi ġdida kontroversjali li tiddefinixxi uffiċjalment Israel bħala d-dar tal-poplu Lhudi u tasserixxi li “... id-dritt tal-ħarsien tal-identità nazzjonali fl-iStat ta’ Israel hu dritt li jappartjeni biss lill-poplu Lhudi.” Il-liġi għaddiet b’62 vot favur, 55 kontra u 2 astensjonijiet. Ir-reazzjoni li qajmet kienet waħda qawwija, sa ġo l-istess bini tal-Knesset, fejn il-parlamentari Għarab qattgħu l-liġi bi protesta.

Il-liġi tasserixxi wkoll li l-belt ta’ Ġerusalemm hi l-belt kapitali unifikata u waħdanija tal-iStat ta’ Israel, li l-Ebrajk hu l-lingwa uffiċjali ta’ Israel u li “L-istat jara l-iżvilupp tal-insedjamenti (*settlements*) Israeljani bħala valur nazzjonali u se jaġixxi biex jinkuraġġixxi u jippromwovi t-twaqqif u l-konsolidament tal-istess insedjamenti.”

Il-Prim Ministru Israeljan, Benjamin Netanyahu, iddikjara: “Dan hu mument li jiddefinixxi l-istorja - viva l-iStat ta’ Israel. 122 sena wara li (Theodore) Herzl ippreżenta l-viżjoni tiegħu (ta’ dar nazzjonali għal-Lhud), b’din il-liġi aħna niddeterminaw il-prinċipju li qiegħed bħala fundament tal-eżistenza tagħna. Israel hu n-nazzjon stat tal-poplu Lhudi, u jirrispetta d-drittijiet taċ-ċittadini kollha tiegħu.”

L-istess Prim Ministru kompla jgħid: “Fil-Lvant Nofsani hu biss Israel li jirrispetta

*…editorjal*
*Israel Stat Lhudi*



d-drittijiet. Dan hu l-pajjiż tagħna, l-istat Lhudi. Fis-snin reċenti kien hemm dawk li riedu jimminaw din il-verità u jiddubitaw dwar il-prinċipji tal-eżistenza tagħna. Illum qed nagħmluha ċara permezz ta' liġi: dan hu pajjiżna, din hi l-lingwa tagħna, dan hu l-innu nazzjonali u l-bandiera tagħna."

Il-kritika mill-parlamentari Għarab kienet dik li Israel issa għadda liġi razzista u ta' "apartheid."

Id-dettalji tal-liġi huma ċari. (1) Israel hi d-dar storika tal-poplu Lhudi, li għandu d-dritt jiddefendi l-identità nazzjonali tiegħu; (2) Il-bandiera u l-"menorah" huma simboli nazzjonali u l-innu nazzjonali hu l-"Hatikva"; (3) Ġerusalemm hi l-kapitali unifikata ta' Israel; (4) Il-lingwa uffiċjali hi l-Ebrajk. L-Għarbi għandu status speċjali; (5) Israel jilqa' lil-Lhud li jiġu mid-dinja kollha biex jgħixu fih ("allyah"); (6) Israel jaħdem fid-Djaspora biex iżomm ir-rabta bejn l-istat u l-Lhud imxerrdin fid-dinja; (7) Israel jiggarantixxi s-sigurtà tal-poplu Lhudi u jaħdem biex jippreserva l-wirt kulturali, storiku u reliġjuż tal-Lhud fid-Djaspora; (8) L-istat jippromwovi l-iżvilupp tal-insedjamenti Lhud; (9) Il-kalendarju Lhudi hu l-kalendarju uffiċjali. Il-kalendarju Gregorjan ukoll ikollu status uffiċjali; (10) Jum l-Indipendenza hu l-jum nazzjonali. Jum it-Tifkira tal-Olokawst u Jum it-Tifkira (Memorial Day) huma jiem speċjali ta' tifkira; (11) Is-Shabbat u l-jiem qaddisa Israeljani huma jiem ta' mistrieħ. Dawk li mhumiex Lhud għandhom dritt li jistrieħu fil-jiem ta' mistrieħ tagħhom; (12) Bdil fil-liġi jista' jsir biss bil-maġġoranza tal-membri tal-Knesset.

Għaliex din il-liġi tqajjem daqshekk inkwiet fl-Art Imqaddsa? Ir-raġuni hi sempliċi. Fl-Art Imqaddsa jeżisti l-iStat ta' Israel (uffiċjalment mill-1948), imma jeżisti wkoll l-iStat tal-Palestina, rikonoxxut minn diversi stati oħrajn (imma mhux minn Israel), fuq territorji okkupati minn Israel fl-1967. Fl-Art Imqaddsa jgħixu 8.5 miljun persuna. Dawn huma 7 miljun Lhudi-Israeljan u 1.4 miljun Għarbi-Israeljani li jgħixu fl-iStat ta' Israel. Fit-territorji okkupati jgħixu 2.7 miljun Palestinjan fix-Xatt tal-Punent, u 1.7 miljun Palestinjan fl-iStrixxa ta' Gaza. Dawn tal-aħħar ma jiġux inklużi fit-total tal-popolazzjoni. Hemm ukoll minoranzi

żgħar ta' Kristjani (ta' diversi riti, li flimkien huma inqas minn 2% tal-popolazzjoni) u ta' Drużi. Hemm ukoll mijiet ta' eluf ta' immigranti barranin li jaħdmu f'Israel.

Din il-liġi hi kontroversjali għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett l-ebda pajjiż demokratiku fid-dinja ma jiddefinixxi ruħu unikament fuq bażi etnika, li toħloq ċittadini tal-ewwel klassi u ċittadini oħrajn tollerati tat-tieni klassi. F'Israel issa l-etnija Lhudija hi fundamentali għaċ-ċittadinanza. Anke l-Għarab-Israeljani, jiġifieri l-Għarab li huma ċittadini ta' Israel, iridu jagħmlu wegħda ta' fedeltà lejn l-iStat Lhudi ta' Israel. Għalkemm uffiċjalment huma ċittadini bid-drittijiet kollha ta' stat demokratiku, imma fil-prattika se jkunu deklassati għal ċittadini inqas importanti. Huma ġustament iħarsu lejn din il-liġi bħala waħda razzista, għax tippreferi razza (Lhud) fuq oħra (Għarab), f'art li fiha dawn il-popli dejjem għexu bi dritt f'diversi mumenti storiċi.

Il-liġi mbagħad tiftaħ għajn ta' problemi oħra. L-istatus ta' Ġerusalemm bħala l-kapitali eterna u unifikata ta' Israel mhux aċċettat mill-komunità internazzjonali (ħlief mill-USA), għax b'hekk il-Palestinjani jitilfu d-dritt li Ġerusalemm (tal-Lvant) tkun il-kapitali tal-istat tagħhom. Il-fatt li l-liġi tippromwovi l-insedjamenti Lhud (f'artijiet okkupati minn Israel fl-1967) se jkompli jikkomplika l-problema tal-paċi bejn Lhud u Palestinjani. Il-komunità internazzjonali tqis l-insedjamenti bħala illegali.

X'effett se jkollha din il-liġi fuq l-Insara fl-Art Imqaddsa? L-Insara huma, fil-maġġoranza tagħhom, jew Għarab-Israeljani (fl-iStat ta' Israel), jew Palestinjani (f'Ġerusalemm tal-Lvant u x-Xatt tal-Punent). Dan diġà juri d-differenza ta' trattament li jirċievu. Uffiċjalment l-Għarab li huma Israeljani għandhom drittijiet ta' pajjiż demokratiku, imma jħossu li huma ma jistgħux jidentifikaw ruħhom mal-etnija Lhudija. Il-Palestinjani, naturalment, mhumiex Lhud u se jibqgħu magħluqin wara l-ħajt ta' sigurtà fit-territorji okkupati. Imma fil-prattika, jekk familja Kristjana jkollha membri jgħixu f'Nazaret (Għarab-Israeljani) u oħrajn f'Betleħem (Palestinjani), se tibqa' tħossha diskriminata xorta waħda, għax hu diffiċli li minn Nazaret tmur Betleħem jekk int Israeljan.

Insomma, din il-liġi hi musmar ieħor fit-tebut li fih indifnet il-paċi fl-Art Imqaddsa, ħtija ta' gvernijiet li jridu jinsistu fuq nazzjonaliżmi li mhumiex aċċettabbli. Fid-dawl tal-gvernijiet populisti fl-Ewropa li wkoll qed jinsistu fuq l-identità etnika ta' pajjiżhom quddiem movimenti immigratorji, wieħed tassew jitħasseb dwar il-futur tal-Art Imqaddsa bħala art li fiha għandhom dritt jgħixu bħala aħwa dawk kollha li jappartjenu għar-reliġjonijiet Lhudija, Kristjana u Musulmana. Sa issa, għalkemm b'tant tensjonijiet, din kienet sitwazzjoni normali u aċċettata. Imma bil-liġi li għadda l-Knesset dan se jkun ħafna aktar diffiċli.



# IL-KNISJA U L-QABAR TA' SAN LAZZRU F'LARNACA, ĊIPRU

***Noel Muscat ofm***

Il-belt ta' Larnaca, fix-xaqliba tax-xlokk tal-gżira ta' Ċipru, hi belt moderna maġenb l-ajruport prinċipali ta' din il-gżira u ċentru turistiku ta' importanza. Imma Larnaca għandha storja antika ħafna. Is-sit arkeoloġiku ta' Kition jimmarka waħda mill-bliet magħrufin tal-era klassika. F'Kition twieled il-filosfu Zenone ta' Citium (c. 334 - c. 262 q.K.). Iċ-ċentru storiku

ta' Larnaca għandu wkoll fdalijiet medjevali minn żmien il-Kruċjati u mid-dominazzjoni Latina u mbagħad dik Torka. Fost dawn il-monumenti storiċi l-aktar wieħed importanti hu l-knisja ta' San Lazzru, li skont it-tradizzjoni kien l-ewwel Isqof ta' Kition.

San Lazzru (Eleazarju bl-Ebrajk) kien Lhudi mir-raħal ta' Betanja, xi 3 kilometri fuq ix-xaqliba tal-lvant ta' Ġerusalemm, fuq in-naħa tad-deżert tal-Lhudija taħt l-Għolja taż-Żebbuġ. Fl-Evanġelju Lazzru jissemma b'mod partikulari bħala l-ħabib ta' Ġesù, li l-Mulej qajmu mill-mewt wara erbat ijiem (Ġw 11). L-istess evanġelista Ġwanni jgħidilna li "Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha (Marija) u lil Lazzru" (Ġw 11,5).

## It-tradizzjoni Orjentali dwar il-miġja ta' San Lazzru f'Ċipru

L-Evanġelji ma jgħidulna xejn aktar dwar Lazzru wara li l-Mulej qajmu mill-mewt, ħlief li kien wieħed mill-mistednin fl-ikla li saret f'Betanja sitt ijiem qabel il-mewt ta' Ġesù, u l-fatt li l-qassisin il-kbar kienu ftiehmu li joqtlu anke lil Lazzru, għax ħafna Lhud kienu emmnu f'Ġesù minħabba l-miraklu li sar fil-qabar tiegħu f'Betanja (Ġw 11,45-57 u 12,1-2).

Skont tradizzjoni qawwija fl-Orjent, waqt il-persekuzzjoni li qamet kontra l-insara ta' Ġerusalemm wara li d-djaknu Stiefnu ġie mħaġġar fis-sena 33, kienu bosta dawk l-insara li kellhom jaħarbu. "Dawk li kienu xterdu minħabba l-persekuzzjoni li kienet qamet minħabba Stiefnu waslu sal-Feniċja, sa Ċipru u sa Antjokja" (Atti 11,19). Skont din l-istess tradizzjoni Lazzru kien wieħed mill-insara li ħarab u mar lejn Ċipru. Lazzru seta' kellu madwar 30 sena meta Kristu qajmu mill-mewt. Jingħad li hu mar fil-belt ta' Kition f'Ċipru, u miet hemmhekk madwar is-sena 63, meta kellu 60 sena. Meta l-Appostli Pawlu u Barnaba għaddew minn Ċipru waqt l-ewwel vjaġġ missjunarju fis-sena 45, huma qasmu l-gżira minn Salamina sa Pafos (Atti 13,4-6). Jingħad li meta waslu Kition, huma sabu hemm lil Lazzru. Pawlu kkonsagrah bħala l-ewwel Isqof ta' Kition. B'hekk Lazzru dam Isqof ta' Kition għal 18-il sena, mis-snin 45 sa 63. Wara li miet hu ġie midfun f'Kition, fil-post li fih illum hemm il-knisja ddedikata lilu.

Ma għandna l-ebda informazzjoni dwar x'għamel San Lazzru f'Kition. Li nistgħu nissopponu hu li



*Ġesù jqajjem lil Lazzru*



*Ikona. San Lazzru Isqof ta' Kition*

kellu jaffaċċja żewġ perikli kbar għall-fidi Kristjana. L-ewwel periklu kien ġej mir-reliġjon pagana, li kienet ibbażata fuq il-kult idolatriku tal-alla femminili Afrodite, li Ċipru kienet magħrufa għalih billi jingħad li Afrodite, alla tal-imħabba erotika, twieldet fil-mewġ tal-kosta tan-nofsinhar ta' Ċipru, bejn Limassol u Pafos, fejn sal-lum it-turisti jieqfu biex jammiraw il-blata ta' Afrodite b'tifkira ta' din il-leġġenda. It-tieni periklu, li nafu bih mir-rakkont tal-Atti tal-Appostli dwar il-miġja ta' Pawlu u Barnaba f'Ċipru, kellu x'jaqsam mal-oppożizzjoni tal-komunità Lhudija għall-predikazzjoni tal-Appostli.

Hemm bosta tradizzjonijet popolari tal-Knisja Ortodossa dwar iż-żmien li fih San Lazzru kien jinsab Kition. Storja minnhom tgħid li, matul it-30 sena li fihom għex hemmhekk wara li Kristu qajmu mill-imwiet, hu qatt ma tbissem, ħlief f'okkażjoni waħda meta ra wieħed li kien qed jisraq ġarra tal-fuħħar u qal: "Ara t-tafal jisraq it-tafal". Hu kien dejjem jitħasseb dwar l-esperjenza li kien għamel fil-limbu tul l-erbat ijiem li fihom kien fil-qabar qabel Kristu qajmu mill-mewt, għax kien iltaqa' mal-erwieħ tal-ġusti jistennew bil-ħerqa s-salvazzjoni li Kristu kellu jwettaq fuq is-salib biex hekk jinħelsu mill-ħabs tal-art tad-dlamijiet.

Sal-lum il-ġurnata Larnaca hi magħrufa għall-għadajjar kbar tal-melħ (Salini) li hemm qrib tagħha maġenb il-baħar, proprju fejn illum hemm l-ajruport internazzjonali. Tradizzjoni antika tgħid li dawn is-Salini kienu oriġinarjament għalqa kbira tad-dwieli. Jum minnhom San Lazzru kien miexi maġenb dawn l-għelieqi u talab lill-bdiewa jagħtuh ftit għeneb biex jaqta' l-għatx. Meta dawn ma ridux jagħtuh il-Qaddis ipponta subgħajh lejn qoffa li kienet mimlija għeneb, u dan sar melħ. U biex jikkastiga l-ħruxija ta' dawk in-nies li ma ridux jagħtuh karità, Lazzru biddel dawk l-għelieqi tad-dwieli f'għadira kbira tal-ilma mielaħ.

Hemm ukoll tradizzjoni li titkellem dwar żjara li l-Verġni Marija għamlet lil San Lazzru f'Ċipru. Din it-tradizzjoni tgħid li Lazzru kien imnikket ħafna għax ma setax jara iżjed lil Marija, omm Ġesù. Għal din ir-raġuni hu bagħat ġifen minn Kition lejn l-Art Imqaddsa, biex iġib lill-Verġni Marija u lil San Ġwann l-Appostlu u xi dixxipli oħrajn f'Ċipru. Imma waqt li l-ġifen kien

qed ibaħħar lejn Kition, tempesta kbira ġarritu lejn il-Baħar Eġew, fuq ix-xtut tal-Monte Athos, il-penisola famuża fil-Greċja, fejn hemm iċ-ċentu tal-monakeżimu Grieg Ortodoss b'ħafna monasteri li għadhom jeżistu sal-lum. Hemmhekk il-Verġni Marija ikkonvertiet lill-pagani u talbet il-barka ta' Binha Ġesì fuq l-irħieb kollha li fil-ġejjieni kellhom iqaddsu dik il-muntanja bil-preżenza tagħhom. Imbagħad marret Kition, fejn iltaqgħet ma' Lazzru, u tatu bħala rigal palju episkopali li kienet nisġet hi b'idejha stess. Imbagħad, wara li bierket il-Knisja ta' Kition, hi reġgħet lura lejn l-Art Imqaddsa.

It-tradizzjoni dwar il-miġja ta' San Lazzru f'Ċipru u l-konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof ta' Kition hi mifruxa ħafna fil-Knejjes Ortodossi, saħansitra fir-Russja, fejn hemm il-monasteru ta' Pskov iddedikat lil San Lazzru, Isqof ta' Kition.

Fil-qedem kien hemm drawwa reliġjuża f'Larnaca. Fil-festa ta' San Lazzru, li dejjem taħbat is-Sibt qabel Ħadd il-Palm, it-tfal kienu jiġu bil-friegħi tal-palm, u fosthom kien ikun hemm tifel jirrappreżenta lil San Lazzru. Dawn it-tfal kienu jmorru jduru fid-djar ta' Larnaca, flimkien mal-qassisin u l-irħieb li jġorru fjuri ħomor, u kienu jkantaw innijiet dwar il-qawmien mill-imwiet ta' San Lazzru. Quddiem il-knisja ta' San Lazzru kienet issir rappreżentazzjoni sagra dwar il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru. Dawn id-drawwiet illum spiċċaw, imma l-festa ta' San Lazzru għadha ssir b'solennità kbira b'ċerimonji tar-rit Biżantin fil-knisja u b'purċissjoni bl-ikona ta' San Lazzru.

## Il-Knisja u l-Qabar ta' San Lazzru f'Larnaca

Il-knisja ta' San Lazzru f'Larnaca kienet magħrufa mill-qedem. Il-pellegrini lejn l-Art Imqaddsa, li kienu jbaħħru u jieqfu Ċipru, kienu jqisu l-knisja ta' San Lazzru f'Larnaca bħala parti



*Faċċata tal-Knisja ta' San Lazzru f'Larnaca*



*Pietro Della Valle*

integrali mill-pellegrinaġġ tagħhom fl-Art Imqaddsa. F'dan il-post insibu xhieda ta' bosta mirakli ta' fejqan li seħħew bl-interċessjoni ta' San Lazzru, kif jikteb Pietro Della Valle, nobbli Ruman li żar Larnaca fl-1614-1626, li jgħid li għalkemm hemm dubji dwar jekk San Lazzru ġiex verament Ċipru, imma din il-verità hi ppruvata mill-mirakli li l-Qaddis iwettaq ta' kuljum f'din il-knisja. L-importanza tal-knisja ta' San Lazzru bħala post ta' pellegrinaġġ issaħħet fl-1972, meta waqt xogħlijiet ta' restawr fil-knisja, ġew skoperti xi relikwi ta' persuna qaddisa f'sarkofagu tal-irħam taħt il-presbiterju tal-knisja.

Storikament ir-relikwi ta' San Lazzru nstabu għall-ewwel darba fis-sena 890, fil-qabar tiegħu fil-knisja ċkejkna li kienet inbniet dak iż-żmien. Dawn il-fdalijiet instabu f'sarkofagu tal-irħam li fuqu kien hemm din l-iskrizzjoni: "Lazzru, li kien ilu mejjet erbat ijiem, il-ħabib ta' Kristu." Meta nstabu dawn ir-relikwi, l-Imperatur Bizantin Leo VI, kif kienet drawwa dak iż-żmien, ordna li r-relikwi tal-Qaddis jinġabu Kostantinopli, il-belt kapitali tal-Imperu. Bħala rikompensa hu bagħat flus u bennejja biex jibnu l-knisja ta' San Lazzru. Ma nistgħux nimmaġinaw li l-insara ta' Kition bagħtu r-relikwi kollha mingħajr ma żammew xi ftit minnhom fil-qabar oriġinali tal-Qaddis. Il-fatt li nstabet biss parti żgħira minn dawn ir-relikwi hu evidenza tal-awtentiċità ta' din il-ġrajja. Fuq in-naħa tal-lvant tas-sarkofagu tal-irħam li hemm taħt l-altar, wieħed għadu jara l-iskrizzjoni bil-Grieg tal-kelma FILIOU, jiġifieri "ħabib". X'aktarx li dan is-sarkofagu sar flok dak oriġinali, minħabba l-fatt li dan ġie trasferit lejn Kostantinopli flimkien mal-kumplament tar-relikwi.

Il-ġrajja tat-translazzjoni tar-relikwi ta' San Lazzru minn Kition għal Kostantinopli ġiet imfakkra għal dejjem minn Aretas, Isqof ta' Ċesarija, f'żewġ omeliji tiegħu għal din l-okkażjoni. Fl-ewwel waħda hu jfaħħar il-wasla tar-relikwi qaddisa minn Kition għal

Kostantinopli, u fit-tieni omelija hu jiddeskrivi bid-dettall il-purċissjoni li l-Imperatur ordna li ssir biex jitwasslu r-relikwi minn Chryssoupolis lejn il-kattidral ta' Santa Sophia. Barra mill-knisja li bena f'Kition, l-Imperatur Leo VI bena wkoll knisja oħra ddedikata lil San Lazzru f'Kostantinopli. Meta Kostantinopli ġiet ivvandalizzata mill-armata tar-4 Kruċjata fl-1204, il-Kruċjati ġarrew magħhom lejn l-oċċident it-teżori u r-relikwi li sabu f'Kostantinopli. Jingħad li r-relikwi ta' San Lazzru ttieħdu Marsilja fi Franza, imma sparixxew ukoll minn din il-belt u sal-lum ħadd ma jaf fejn spiċċaw.

It-tradizzjoni tal-punent rigward San Lazzru tmur lura għall-Medjuevu, u hi ċċentrata fir-reġjun ta' Provenza. Din it-tradizzjoni tgħid li Lazzru, Marta u Marija, tkeċċew mill-Art Imqaddsa mill-Lhud li kienu qajmu persekuzzjoni kontra l-insara ta' Ġerusalemm. Dawn xeħtuhom ġo dgħajsa bla qlugħ, bla moqdief u bla tmun, u wara vjaġġ mirakoluż it-tliet aħwa waslu Provenza, f'post li llum jismu Sainte-Maries. Il-familja mbagħad kompliet tevanġelizza n-nofsinhar ta' Franza. Lazzru mar f'Marsilja, fejn ikkonverta l-popolazzjoni għall-Kristjaneżimu u sar l-ewwel isqof tal-belt. Waqt il-persekuzzjoni ta' Domizjanu qafluh il-ħabs u qatgħulu rasu f'għar taħt il-ħabs. Il-ġisem tiegħu mbagħad ittieħed f'Autun, fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu fil-kattidral ta' Autun, iddedikat lil *Saint Lazare*. Imma l-abitanti ta' Marseilles żammew għandhom ir-ras ta' San Lazzru. Hemm qabar ieħor li jingħad li fih hemm ir-relikwi ta' San Lazzru fl-Abbazija ta' Vézelay fil-Burgundja. It-tradizzjoni ta' Provenza dwar San Lazzru tferrxet permezz tal-*Legenda Aurea* ta' Jacobus de Voragine (seklu 13).

Din it-tradizzjoni hi naturalment minbija fuq il-fatti rrakkontati qabel, jiġifieri li r-relikwi ta' San Lazzru kienu ttieħdu mill-Kruċjati minn Kostantinopli u miġjubin fl-Ewropa, fejn spiċċaw f'Marseilles. Hekk it-titlu ta' San Lazzru, Isqof ta' Kition, ġie mibdul għal San Lazzru, Isqof ta' Marseilles, fit-tradizzjoni oċċidentali.

Il-Knisja ta' San Lazzru f'Larnaca hi waħda miż-żewġ knejjes bi tliet koppli li



*Knisja ta' San Lazzru. Jidru l-bażi tat-tliet koppli*



*Il-Knisja - Panagia Phaneromeni Nicosia*

jeżistu llum f'Ċipru (il-knisja l-oħra hi dik mibnija fuq il-qabar tal-Appostlu San Barnaba, qrib Famagusta). Sfortunatament il-koppli tal-knisja ta' Larnaca ma għadhomx jidhru, ħlief għall-bażi tagħhom. Dawn iż-żewġ knejjes huma differenti mill-knejjes oħrajn Ortodossi f'Ċipru, li ħafna minnhom fihom koppli, għax huma għandhom pjanta arkitettonika rara.

Kif għidna, l-Knisja ta' San Lazzru nbniet tard fis-seklu 9 (qrib is-sena 890) mill-Imperatur Leo VI ta' Byzantium (Kostantinopli). Hi nbniet bi tliet navati u tliet koppli waħda wara l-oħra fuq in-navata ċentrali. It-tliet koppli tħattew u ma baqax ħlief il-bażijiet tagħhom. X'aktarx li huma tħattew wara l-okkupazzjoni Torka tal-gżira fl-1571. Ċertu uffiċjal Tork ordna li jitħattew għax, hu u dieħel fil-port ta' Larnaca bil-ġifen, hu miel biex jagħti qima għax ħasibhom li kienu koppli ta' moskea. Hemm min jgħid li huma ġġarrfu waqt terremot f'sena mhix magħrufa. Hu x'inhu, ir-raħeb Russu Vassili Barsky, li żar il-knisja fl-1734, jgħid li l-koppli kienu meqrudin.

Qrib it-tmiem tal-ħakma Venezjana ta' Ċipru (1489-1571), jew inkella madwar l-1750, meta saru xogħlijiet ta' restawr mill-Isqof ta' Kition Makarios, inbnew l-arkati gotiċi li għadhom jidhru mal-ġenb tan-navata tan-nofsinhar tal-knisja. Il-kampnar sabiħ tal-knisja nbena fl-1857. Sa dak iż-żmien il-knisja qatt ma kellha kampnar tal-ġebel u l-qniepen kienu mdendlin ma' pilastri tal-injam fuq pedestall. Fi żmien l-okkupazzjoni Torka ta' Ċipru, mill-1571 sa nofs is-seklu 19, kienu projbiti il-kampnari kif ukoll l-użu tal-qniepen. It-Turkija neħħiet din il-projbizzjoni fl-1856 wara l-insistenza tar-Russja, li ddefendiet id-drittijiet tal-Ortodossi, imma xorta waħda l-qniepen setgħu jintużaw biss bil-permess tal-awtoritajiet Torok. F'Nicosia fl-1858 kien ingħata permess li titpoġġa qanpiena

waħda fil-knisja Panagia Faneromeni. Il-Knisja ta' San Lazzru f'Larnaca kellha qniepen ħafna qabel l-1856, u t-Torok kienu jittolleraw dan, billi n-nies ta' Larnaca kellhom aktar libertajiet minħabba l-eżistenza tal-Konsolati barranin tal-pajjiżi Ewropej u l-preżenza ta' bosta merkanti Ewropej fil-belt. Matul il-ħakma Franka ta' Ċipru taħt id-dinastija tal-familja rjali Lusignan (1192-1489) u dik Veneta (1489-1570) il-Knisja ta' San Lazzru kellha kampnar imponenti, kif jidher fil-pjanti antiki ta' Larnaca ppubblikati mill-vjaġġaturi Ewropej ta' dak iż-żmien, li fihom il-Knisja ta' San Lazzru tidher bil-koppli tagħha u b'kampnar għoli. Billi l-Biżantini ma kinux jibnu kampnari għoljin, nistgħu nissoponu li dan il-kampnar kien opra tal-ħakkiema Franki Ewropej (Franċiżi u Veneti), u kien mibni skont l-istil Taljan ta' kampnari għoljin.

It-twieqi tal-knisja kienu oriġinarjament iżgħar u idjaq minn dawk tallum, minħabba raġunijiet ta' difiża. Hekk ftit dawl kien jasal fil-knisja, li kienet x'aktarx mudlama bħal fil-każ tal-arkitettura tal-knejjes Biżantini. Għandna tpinġija tal-knisja minn Seigneur de Villamont, vjaġġatur li fl-1589 kien żar Ċipru.

Jidher li l-arkitettura tal-knisja, li hi pjuttost rari u unika, kienet timpressjona diversi vjaġġaturi barranin. Alexander Drummond, li kien Konslu Ingliż f'Aleppo, Sirja, u li żar Ċipru fl-1745, jikteb: "Fil-belt ta' Salines (kif kienet magħrufa Larnaca fost l-Ewropej), hemm knisja dedikata lil San Lazzru; l-arkitettura tagħha hi ta' stil li qatt ma rajt bħalu qabel." Pietro Della Valle (1614-1626) jiddeskrivi l-knisja bħala "waħda antika, mibnija fi stil sabiħ arkitettoniku."

L-aktar opra ta' arti prezzjuża tal-Knisja ta' San Lazzru hi l-ikonostasi, li hi meqjusa bħala wieħed mill-aktar eżempji fini ta' skultura fl-injam f'Ċipru. Din l-ikonostasi, flimkien ma' dik tal-knisja ta'



*Knisja ta' San Lazzru minn ġewwa*


L-Ikonostasi artistiku skulturat fl-injam

Tripiotis f'Nicosia, inħadmu mill-mastrudaxxa espert Hadji-Savvas Taliadoros, li kien minn Nicosia. Inħadmet bejn l-1773 u l-1782. Ftit taż-żmien wara, fl-1793-1797, ġiet miksija bid-deheb. L-ikoni sbieħ fuq din l-ikonostasi nħadmu mill-pittur Hadji-Michael u l-iskola tiegħu. L-ikonostasi hi mżejna b'120 ikona ta' valur artistiku kbir. Hemm 13-il ikona kbira fil-faċċata ta' isfel, li jirrappreżentaw xbihat komuni fl-arti Ortodossa (fosthom Kristu Pantocrator, Il-Verġni Marija Theotokos, San Mikiel, San Ġwann Battista, San Ġorġ, San Dimitri, Santi Kostantinu u Elena, San Nikola). Fil-għoli hemm 60 ikona żgħira fuq żewġ livelli (30 ikona f'kull livell). Hemm imbagħad 25 ikona madwar il-bibien tas-Santwarju (il-bibien li jdaħħluk wara l-ikonostasi, fl-ispazju riservat għall-kleru), u hemm 4 ikoni oħrajn madwar il-Kurċifiss fiċ-ċentru, bir-rappreżentazzjoni simbolika tal-pellikan taħt is-salib. Il-kumplament huma ikoni żgħar, li 16 minnhom jinsabu fin-nofs tal-għoli tal-ikonostasi, u tnejn fil-quċċata.

L-altar hu kapolavur fl-iskultura fl-injam li nħadem fl-1773. L-istess jingħad għat-tron tal-isqof, li fih ikona ta' San Lazzru datata 1734. Hemm ukoll ikoni Biżantini oħrajn antiki, li x'aktarx kienu parti mill-ikonostasi l-antika. Waħda minnhom hi ikona ta' San Lazzru liebes ta' isqof b'kasola bis-slaleb. Hemm ikona oħra li tirrappreżenta l-qawmien mill-imwiet ta' Lazzru. Hemm 4 ikoni mdendlin mal-pilastri taħt il-koppla ċentrali li jirrappreżentaw ikona Russa tal-Verġni Marija mżejna b'qafas tal-fidda, ikona tal-qawmien ta' Lazzru mill-mewt, ikona ta' San Nikola u waħda ta' San Ġorġ, b'xeni mill-ħajja tiegħu. Huma xogħol ta' Jacovos Moscos minn Kreta u saru fl-1717.

Jidher li fl-antik il-knisja minn ġewwa kienet miksija bl-affreski, għaliex sa qisu xi mitt sena ilu kienu għadhom jidhru xi fdalijiet ta' affreski fuq il-pilastri tal-koppla ċentrali. Dawn l-affreski spiċċaw minħabba li f'Larnaca hemm ħafna umdità, speċjalment fil-kwartier ta' Scala. Fil-fatt, sa seklu ilu l-għadira kbira tal-melħ li hemm fil-lbiċ tal-knisja, bejn il-belt moderna ta' Larnaca u l-ajruport internazzjonali, kienet kollha żona umda fejn kien jinġabar ħafna ilma qiegħed, u kienet magħrufa bħala "L-Għadajjar ta' San Lazzru."

Għal din ir-raġuni l-belt antika ta' Larnaca kienet tinsab aktar 'il ġewwa, u

l-Knisja ta' San Lazzru, hekk qrib il-baħar, kienet maqtugħa għaliha waħedha u kienet tiffunzjona bħala monasteru. Matul il-ħakma tal-Franki kienet saret monasteru tal-Benedittini, u għal xi żmien kienet ukoll tal-Armeni.

Meta t-Torok okkupaw Ċipru fl-1570 huma ħadu l-Knisja ta' San Lazzru, kif għamlu bil-knejjes kollha tal-Latini. Imma fl-1589 it-Torok biegħu lura l-knisja lill-Griegi Ortodossi, li kellhom iħallsu 3000 biċċa tad-deheb. Meta l-Griegi ħadu l-knisja f'idejhom, huma ħallew lil-Latini wkoll juffiċjawha darbtejn fis-sena, fil-festa ta' San Lazzru u f'dik ta' Santa Marija Maddalena. Il-Latini, rappreżentati mill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kienu jqaddsu fuq altar fin-navata tat-tramuntana tal-knisja. Dan il-privileġġ tneħħielhom fl-1794 mill-Arċisqof Chrysanthos għax l-Ortodossi qalu li l-Latini kienu qed jippretendu li jkunu proprjetarji tal-knisja flimkien magħhom. Sallum il-ġurnata, fuq il-bieb tan-navata tat-tramuntana għadu jidher is-salib kożmiku tal-Latini (is-salib ta' Ġerusalemm, l-emblema tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa), u fl-istess navata għad hemm l-altar Latin li hu evidenza tal-preżenza tal-Kattoliċi għal diversi sekli f'din il-knisja.

Fil-bidu tas-seklu 18 il-kwartier ta' Scala kien qed jikber f'belt oħra maġenb il-belt ta' Larnaca. Il-Knisja ta' San Lazzru saret parroċċa tal-belt ta' Scala. Kienet dejjem magħrufa bħala "il-Monasteru", ukoll jekk ma kinetx baqgħet hekk. Iċ-ċelel monastiċi madwarha u r-ritwal monastiku li baqa' għaddej kienu jfakkru li hemmhekk kien monasteru u knisja fejn kienu jiġu ċċelebrati r-riti qaddisa b'dinjità u dekor. Madwar il-knisja nbnew diversi ospizji għall-pellegrini, għax bosta pellegrini lejn l-Art Imqaddsa kienu jieqfu Ċipru biex iżuru l-qabar ta' San Lazzru f'Larnaca.

Iż-żewġt ibliet ta' Larnaca u Scala, li oriġinarjament kienu xi kilometru u nofs imbegħdin minn xulxin, inbnew fil-Medjuevu fuq il-fdalijiet tal-belt antika ta' Kition. Matul l-okkupazzjoni tal-familja rjali Lusignan u dik ta' Venezja (1192-1570) Larnaca biss kienet teżisti bħala belt, u kienet xi kilometru 'l ġewwa mill-baħar, filwaqt li Scala, jew kif kienu jsejħulna l-Ewropej, il-Marina, fejn tinsab il-Knisja ta' San Lazzru, kienet qrib is-Salini, u saret żona importanti



*Kripta tal-Qabar ta' San Lazzru*

għall-esportazzjoni tal-melħ. Fis-seklu 15 il-port ta' Famagusta naqas fl-impotanza tiegħu, u Larnaca saret aktar importanti bħala port. Fiha ġew joqogħdu diversi merkanti Ewropej, li kienu jaqduhom il-Franġiskani Riformati. L-aktar pajjiżi importanti kollha kellhom Konsolati f'Larnaca (Franza, Ingilterra, Awstrija, Napli, Venezja, Ragusa jew Dubrovnik, Sqallija, Spanja, Russja, Greċja, Olanda). Dawn kienu waqqfu l-Konsolati fil-port ta' Scala, jiġifieri fiż-żona tal-Knisja ta' San Lazzru. Filwaqt li Nicosia kienet il-belt kapitali amministrattiva ta' Ċipru, Larnaca kienet iċ-ċentru kummerċjali u diplomatiku. Dan sas-seklu 20, meta l-Konsolati marru Nicosia u Larnaca spiċċat bħala belt kummerċjali. Sal-bidu tas-seklu 20 Larnaca kienet iċ-ċentru diplomatiku u kummerċjali ta' Ċipru, u kellha rwol importanti fl-oqsma edukattivi, soċjali u kulturali. Imma wara l-Konsolati ġew trasferiti f'Nicosia u żviluppaw il-portijiet ta' Famagusta u Limassol, Larnaca tilfet l-importanza ċentrali li kellha qabel.

Il-Knisja ta' San Lazzru kienet hekk marbuta mal-ħajja f'Larnaca u mal-istorja tagħha. Għal xi żewġ sekli u nofs din il-knisja kienet iċ-ċentru reliġjuż, etniku, filantropiku u edukazzjonali tal-belt. Kien inħatar Kumitat fl-1854 biex jieħu ħsieb din il-knisja. Matul l-okkupazzjoni Torka dan il-Kumitat kien meqjus bħala r-rappreżentant uffiċjali tal-komunità ta' Scala. L-awtoritajiet Torok kienu jħarsu lejn din il-knisja bħala fattur importanti fil-ħajja tal-belt.

Fl-edukazzjoni r-rwol tal-Knisja ta' San Lazzru kien uniku. Fi Scala-Larnaca kien hemm xi skejjel privati, imma kienu biss miftuħin għat-tfal tal-familji għonja jew tal-familji diplomatiċi tal-Konsli. Madwar l-1850 din il-knisja waqqfet skejjel pubbliċi u kienet taħdem id f'id mal-monasteru ta' San Ġorġ għall-ħarsien tal-edukazzjoni Kristjana f'Ċipru. Waħda minn dawn l-iskejjel kienet tinsab fil-bitħa wara l-knisja, u twaqqfet fl-1857.

Fl-1922-1927 twaqqaf ukoll Mużew ta' San Lazzru fil-bitħa ta' wara l-knisja. Dan il-Mużew kellu fih diversi ikoni Biżantini, li x'aktarx kienu jinsabu f'ikonostasi aktar antika. Il-Mużew kien iħares fih ukoll diversi teżori tal-knisja. Sfortunatament, dawn l-oġġetti aktar tard ġew trasferiti lejn il-Kastell ta' Larnaca, fil-kwartier Tork ta' Scala, ftit metri biss bogħod mill-Knisja ta' San Lazzru. Matul ir-rewwixti tat-Torok fl-1963 dawn l-oġġetti spiċċaw f'idejn ir-ribelli Torok u sparixxew.

Sal-lum il-ġurnata il-festa ta' San Lazzru għadha tiġi ċċelebrata is-Sibt ta' qabel Ħadd il-Palm. Iċ-ċelebrazzjonijiet solenni li jsiru fil-Knisja ta' San Lazzru mill-Griegi Ortodossi huma bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, hekk li huma ħafna dawk il-pellegrini Ċiprijoti li, wara li jiċċelebraw il-festa ta' San Lazzru f'Larnaca, itiru lejn Israel għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid fl-Art Imqaddsa, u l-aktar għal-liturġija tan-Nar Imqaddes fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu nhar Sibt il-Għid. Din hi r-rabta intima bejn il-Knisja u t-tieni qabar ta' San Lazzru f'Larnaca, ta' din il-knisja Biżantina antikissima dedikata lill-ewwel Isqof ta' Kition, u l-Art Imqaddsa fejn Lazzru kien jgħix f'Betanja, u fejn Kristu tant sab ħbiberija u mħabba u ta l-ewwel sinjal tar-resurrezzjoni ta' Ħadd il-Għid il-Kbir.

# MINN ĦDEJN IS-SALIB SAL-QABAR IN-NISA L-EWWEL XHIEDA TAL-QAWMIEN TA' KRISTU



***Fr Charles Buttigieg***

***"Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salome xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom" (Mk 16:1)***

Interessanti l-fatt li l-ewwel xhieda tal-qawmien ta' Kristu huma n-nisa. L-ewwel persuni li dehrilhom Ġesù, saħansitra qabel l-appostli li kienu maqfula fil-biża' tagħhom, kienu proprju n-nisa, fejn fil-kultura Ebrajka x-xhieda tagħhom ma kinetx tgħodd. "Wara li qam mill-mewt filgħodu kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa Ġesù deher l-ewwel lil Marija ta' Magdala, li minnha kien keċċa seba' xjaten." (Mk 16:9] Kienu n-nisa li baqgħu jakkompanjaw lil Ġesù sas-salib u kienu huma li akkompanjaw il-ġisem mejjet ħdejn il-qabar. Fi kliem ieħor huma jkunu protagonist; bħal dik l-omm li wasslet biex twelled kreatura ġdida fid-dinja u b'hekk huma jkunu preżenti fil-misteru tal-qawmien ġdid.

## Rispett u dinjità lill-Mara

Ġesù juri rispett u jagħti dinjità lill-mara, f'kultura fejn il-mara kienet għadha sottomessa għar-raġel (għalkemm fil-kultura Lhudija, il-mara kellha rispett kbir meta mqabbla ma' kulturi oħra). San Luqa jsemmi n-nisa twajba li marru wara Ġesù sabiex isegwuh ukoll: "... Kellu miegħu t-Tnax; u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard; Marija, li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten; Ġwanna, mart Ħuża, prokuratur ta' Erodi; Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom." (Lq 8:1-3). Insibu fuq kollox d-djalogi ta' Ġesù man-nisa, li m'humiex ftit fil-vanġeli: il-mara Samaritana; Marta u Marija, l-aħwa ta' Lazzru; il-mara adultera; Marija Maddalena u diversi episodji oħra. L-ewwel xhieda tal-Qawmien ta' Kristu jkunu proprju n-nisa li marru sabiex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù wara li għadda



s-Sibt imma sabu l-'qabar vojt'.

## Nisa Qalbiena

L-erba' evanġelisti kollha jsemmu l-presenza ta' xi nisa twajba fit-triq tal-passjoni tal-Mulej. "Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija, fosthom kien hemm Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Ġużeppi u omm ulied Żebedew" (Mt 27:55-56). Kienu qalbiena għaliex kienu qegħdin jakkompanjaw lil Ġesù fil-waqgħat tiegħu, fiż-żebliħ, swat u t-tislib fuq is-salib. Ma beżgħux mis-suldati u ma beżgħux mil-Lhud. Hija l-imħabba li kellhom għal Kristu li ħadithom sa taħt is-salib.

## L-Ewwel quddiem il-qabar

Jidher li n-nisa huma kuraġġużi biżżejjed biex joħorġu fil-beraħ u sabiex jagħtu qima xierqa lill-ġisem mejjet ta' Ġesù billi ma setgħux jidilku l-ġisem ta' Ġesù bil-fwejjaħ għax kien diġà daħal is-Sibt. Dawn huma n-nisa msemmija fil-rakkonti tal-qawmien fl-erba' evanġelji.

*i. Mark 16:1-8*
In-nisa msemmija huma Marija l-Maddalena, Marija omm Ġakbu u Salome, li xtraw il-fwejjaħ sabiex jidilku l-ġisem ta' Ġesù (ara



Mk 16:1). X'ħin daħlu fil-qabar huma raw żagħżugħ bilqiegħda li qalilhom sabiex ma jibżgħux u li Ġesù kien qam u sabiex imorru jgħidu b'dan lid-dixxipli.

*ii. Mark 16:9-20*
F'dan ir-rakkont li nkomplu nsibu fil-vanġelu ta' Marku, insibu lil Ġesù wara li qam fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jidher l-ewwel lil Marija l-Maddalena. Hija marret u tat din l-aħbar lid-dixxipli.

*iii. Mattew 28:1-20*
Hawnhekk insibu lil Marija l-Maddalena u Marija l-oħra li marru jaraw il-qabar wara s-Sibt mas-sebħ ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa. L-anġlu qal lin-nisa sabiex ma jibżgħux u li jmorru jgħidu b'dan lid-dixxipli. B'kuntrast ta' dak li nsibu fl-ewwel rakkont ta' Marku, in-nisa kollhom biża' imma b'ferħ kbir marru jiġru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli.

*iv. Luqa 24*
Luqa fejn in-nisa huma protagonisti fl-evanġelju tiegħu, isemmi lin-nisa; Marija l-Maddalena, Marija ta' Ġakbu, Ġwanna u oħrajn li ġew ħdejn il-qabar fl-ewwel jum tal-ġimgħa kmieni ħafna (ara Lq 24:10). Wieħed mill-irġiel jgħidilhom il-għala kienu qegħdin ifittxu lil min hu ħaj qalb il-mejtin. In-nisa mbagħad reġgħu lura u taw l-aħbar lill-ħdax.

*v. Ġwanni 20 – 21*
F'kap 20, Ġwanni jgħid

li kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu, meta kien għadu d-dlam meta Marija l-Maddalena u persuna oħra ġew ħdejn il-qabar. Marija rat żewġ anġli lebsin l-abjad bilqiegħda, u staqsewha l-għala kienet qed tibki. Hi kienet ħasbet li kienu serqu lil Ġesù. Ftit wara Ġesù jidher lil Marija l-Maddalena.

Minn dawn ir-rakkonti nsibu dejjem imsemmija lil Marija ta' Magdala. (ara Mk 16:9 u Lq 8:2) Hu fatt interessanti li n-nisa kienu jafu fejn kien midfun Ġesù u dwar il-ġebla kbira tad-daħla tal-qabar. Dan għaliex huma kienu preżenti taħt is-salib u akkumpanjaw ukoll id-difna ta' Ġesù fil-qabar tiegħu. "Dak in-nhar kien jum it-Tħejjija, u s-Sibt kien għoddu beda. In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù, marru wara Ġużeppi [minn Arimatija] u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra. …" (Lq 23:54-55)

## L-Ewwel xhieda tal-Qawmien

In-nisa fil-beraħ jiġu jagħtu l-aħbar lill-appostli magħluqa. In-nisa huma l-ewwel xhieda tal-qawmien ta' Ġesù: "Kienu Marija ta' Magdala u Ġwanna u Marija ta' Ġakbu u n-nisa l-oħra li kelllhom magħhom; huma kienu li qalu b'dan lill-appostli. Imma d-diskors tagħhom l-appostli stħajluh thewdin, u ma emmnuhomx" (Lq 24:10-11). Billi x-xhieda tagħhom ma tgħoddx imorru Pietru u Ġwanni ħdejn il-qabar u raw u emmnu. Protagonista f'dawn l-episodji hija Marija ta' Madgala kif naraw fil-pittura sabiħa *Noli me Tangere* – 'La tmissnix', tal-pittur Laurent de la Hyre tas-sbatax-il seklu fil-mużew ta' Grenoble, fejn naraw lil Marija ttawwal idha biex tmiss lil Ġesù: "Ġesù jsejħilha: Marjam! Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: *Rabbuni*, jiġifieri, Mgħallem. Ġesù qalilha: La tmissnix għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom. Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: Rajt lill-Mulej…(Gw 20:16-18) Hija proprju l-ewwel li rat lil Gesu' ħaj rebbieħ fuq il-mewt qabel ma rawh l-istess appostli, biex tagħti hija stess din l-ikbar aħbar tajba.

## Konklużjoni

Il-ferħ tal-qawmien mill-mewt jasal ukoll għand Marija. Ferħ li neħħa d-dulur li ġarrbet, ferħ li kompla jseddaq il-fidi tagħha. Għalhekk anke Marija flimkien man-nisa u mal-appostli tkun hi ukoll ħabbara ta' din l-aħbar it-tajba u dan bir-raġun bħala Omm il-Feddej u Sultana tal-Appostli. Ejjew aħna wkoll bħal Marija, Marija ta' Magdala, in-nisa u fuq kollox l-appostli nkunu aħna wkoll ħabbara tal-qawmien ta' Kristu fil-ħajja tagħna.

## Bibliografija


*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1993.

Leon-Dufour, X., *Resurrection and the Message of Easter*, New York 1975.

Nicolas Marie, J., *Teologia della Risurrezione*, Teologia e Filosofia 16, Città del Vaticano, 1989.

Stock, K., *I racconti pasquali dei vangeli sinottici*, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.



# ALLA U T-TESTMENT IL-QADIM

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fl-Istorja tal-Salvazzjoni, Alla jirrevela lilu nnifsu taħt l-isem ta' "Missier". F'dawn l-aħħar snin qamu bosta każijiet fejn uħud ippruvaw jieqfu milli jkomplu jsejħu lil Alla "Missier". Ħadmu sew biex iġenbu din il-paternità. Iżda l-fatti jibqgħu juru li fit-Testment il-Qadim,

minkejja li l-eżempji huma relattivament ftit, imma dan huwa fatt.

## Alla Missier

Il-problema setgħet qamet għaliex dawn it-talin ma fissrux u lanqas fehmu biżżejjed il-kelma Missier. Huma żammew l-ismijiet ta' Missier sempliċement bħala drawwa ta' kif titkellem biss dwar Alla. Li ssejjaħ lil Alla "Missier" dan jiġi mifhum biss f'relazzjoni mal-Istorja tas-Salvazzjoni kif ukoll mal-profeti u l-profeziji tagħhom.

Il-poplu ta' Israel isejjaħ l-isem ta' Alla taħt diversi titli. Fost dawn il-ħafna titli, il-Lhud isejħu lil Alla Ħallieq, Sultan, Mulej, Mexxej, il-Qawwi. Alla qiegħed fis-smewwiet. Alla huwa leħen li jriegħed; xi drabi wkoll jitkellem ħafna bil-mod: "Leħen il-Mulej fuq l-ibħra; Alla tal-glorja jriegħed. Il-Mulej fuq l-ibħra kotrana. Leħen il-Mulej bil-qawwa. Leħen il-Mulej bil-glorja" (S 29,3).

Alla qiegħed preżenti mal-poplu tiegħu f'kolonna ta' sħab, fl-għollieq jaqbad, fl-ilma kotran igelgel mill-blata samma, u fil-manna li niżlet mis-sema. Idejn Alla isalvaw, il-qalb tiegħu mimlija ħniena, il-ġuf tiegħu jitqanqal, l-għajnejn tiegħu jgħassu kontinwament fuq l-univers. Alla jmexxi, jikkoreġi, iċanfar u jiggwida: Imma għan-nies ta' Israel, isem Alla ma tistax tfissru, huwa ineffabli. YAHWEH, "Jien dak li Jien". Madankollu l-poplu tiegħu jixxennaq biex jirrikorri għand Alla, biex iwieġeb għar-rigal tal-ħajja u l-imħabba, li jitkellem dwar dak li ma jistax; dan huwa isem 'il fuq minn kull isem.

Matul l-ewwel żminijiet tal-istorja ta' Israel, hemm tagħrif sod u żgur li Alla huwa attiv fl-istorja, u preżenti fil-ħolqien. F'dan iż-żmien tat-Testment il-Qadim, Alla huwa indirizzat bħala "Missier" għal madwar għoxrin darba. Dan l-isem ma għandu xejn x'jaqsam mal-ġenerazzjoni fiżika, imma juri l-involviment u l-interess sħiħ u qawwi ta' Alla. Juri r-relazzjoni tiegħu mal-poplu ta' Israel, il-poplu li lilu għażel u li miegħu beda l-pjan tas-salvazzjoni. Dan huwa poplu li Alla għażlu għalih ukoll meta dan jitbiegħed u jiżbalja sew, Alla jibqa' fidil miegħu u lejh, u dan għaliex iħobbu.





## Rabta ta' mħabba

L-isem Missier iġorr miegħu rabta u kompassjoni qawwija. Dan il-Missier wera tassew imħabba u ħarsien li jgħajjex u jżomm lil dan il-poplu. Anke meta dan jikser il-patt li għamel ma' Alla, il-poplu xorta waħda jista' jibqa' isejjaħ lil Alla bħala Missier, għaliex hu jibqa' sod u fidil għal wegħda li għamel b'imħabba dejjiema. Billi relattivament ma tantx huwa komuni l-isem Missier fit-Testment il-Qadim, dan l-isem divin isir dominanti ħafna fit-Testment il-Ġdid. Huwa Ġesù Kristu Ibnu stess li jsejjaħ lil Alla bħala Missier, u jgħallem lid-dixxipli tiegħu biex huma wkoll isejħu lil Alla "Missier" (Mt 6,6-16; Lq 11,1-4). Mela l-importanza qawwija lejn din il-persuna Divina u l-paternità tagħha li ssejjaħ lil Alla "Missier" minn ibnu l-waħdieni Ġesù Kristu, wieħed jista' jasal biex jifhem ħafna tajjeb din ir-relazzjoni intima permezz ta' eżempji storiċi minsuġin mal-poplu ta' Israel. Għalhekk meta wieħed irid ifittex sew lil Alla, dan għandu jagħmlu f'rabtiet mal-isem divin stess. Hekk hemm l-istorja ta' Abraham u ibnu Iżakk (Ġen 22). Hawn il-missier Abraham ġie mitlub li joffri 'l Alla dak li huwa l-aktar prezzjuż u ta' valur għalih, ir-rigal li tah Alla nnifsu. Il-missier Abraham iċedi lill-istess ibnu Iżakk, billi jagħtih dak li kien l-aktar qrib u għażiż għalih: l-istess ġismu u demmu. Ir-rigal ta' dak li l-aktar kien prezzjuż għalih huwa dak li jissejjaħ minnu. U dak li ngħata lil Abraham lura reġa' kien l-istess ibnu Iżakk.

Hemm imbagħad Ġakobb, il-missier tal-uġigħ tal-qalb li jibki u jixtieq li jweġġa' basta jittama lil ibnu. (Ġen 37ss) Ġakobb il-missier jokrob għal ibnu Ġużeppi li dan ġie ttradut minn ħutu stess għal prezz ta' skjav. Iżda r-rabtiet bejn iben u missieru ma jistgħu qatt jinkisru. Ħadd u xejn, lanqas il-mewt, ma tista' qatt tifred dak li torbot l-imħabba.

Fix-xjuħija wkoll il-missier ifissed lil ibnu, l-uniku wieħed li ġie mibjugħ bi prezz irħis ħafna, ittradut minn ħutu stess mingħajr ma ħasbuha darbtejn. Iżda l-imħabba tissaporti fost tant provi, diffikultajiet u ebusija tal-qalb: l-imħabba tal-missier lejn l-iben u dik tal-iben lejn il-missier.

## Mħabba dejjiema

L-imħabba li minkejja li tiġi mgħaddsa fil-ħofra tibqa' togħla 'l fuq, bħal fil-każ ta' Ġużeppi. Dan l-individwu qalb tant għira, tfixkil, u tbatija dan ħafer lil ħutu stess. Ġużeppi ngħaqad mill-ġdid ma' missieru, li ħajtu issa kienet waslet biex tintefa. Iżda mhux hekk kienet ix-xewqa tiegħu li jerġa' xi darba jara 'l ibnu minkejja ħafna u ħafna kilometri 'l bogħod. Il-ħajja tal-imħabba hija kostanti wkoll fl-aħħar tal-ħajja.

Dawn huma fatti fejn l-isem ta' Alla huwa msemmi. Huma wkoll mezz qawwi li grazzi għalihom l-isem ta' Alla jiġi aktar magħruf. Hekk kif stejjer bħal dawn jingħadu u jiġu mismugħa, l-isem ta' Alla jiġi wkoll imsemmi. Stejjer ta' din ix-xorta jgħinuna biex insejħu l-isem ta' Alla Missier. L-uniku wieħed li l-isem tiegħu huwa 'l fuq minn kull isem, iżda wkoll l-ħajja tiegħu hija mħabba fiha nfisha, u dan l-aktar ma' dak li huwa l-aħħar, l-iżgħar u l-anqas. Dan huwa dak li mħabbtu hija bħal dik ta' omm li ġufha jaqbeż u jitriegħed bid-dwejjaq, bl-uġigħ, bid-debolizzi (Ġer 31,20; Salm 22). Kif ukoll bħal dik l-omm dejjem għassa tħares iż-żgħar tagħha mill-ħsara (Hos 13,8), jew ukoll bħal ma kienu jġibu l-ikonografiji kristjani bħal dak il-pellikan jitma' liż-żgħar tiegħu minn sidru stess.

## Alla li jsalva

Fit-Testment il-Qadim kemm il-"Kelma" kif ukoll l-"Għerf" jesprimu l-attività ta' Alla li joħloq u jsalva kontinwament d-dinja. B'mod aktar speċifiku l-Kelma hija dik ir-rivelazzjoni qawwija u salvifika li jitkellmu tant dwarha l-profeti. Ix-xebh tal-Kelma spirata huwa abbundanti sew. Hekk il-Kelma hija mxebbha mal-erba' xmajjar tal-Ġenesi (Ġen 2,10-14): Dawn huma l-Pison, il-Gihon, it-Tigri, u l-Ewfrat. Din il-kelma hija mxebbha wkoll mal-għasel: Hekk is-salm 119,103: "Kemm hi ħelwa l-Kelma tiegħek! Oħla mill-għasel għal fommi". Hawn ta' min iżid jgħid li l-membri ta' Qumran, l-Esseni, meta kienu jikkupjaw il-Kelma, fil-linka sewda kienu jżidu xi ftit qtar tal-għasel. Din il-Kelma hija mxebbha wkoll b'mod qawwi ma' xabla anzi waħda li taqta' sew: "Il-Kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb" (Lhud 4, 12). San Ċirillu Isqof ta' Ġerusalemm fil-*Protocatechesi* 10, tiegħu jfakkar li n-nisrani sakemm ikun imżejjen bix-xabla tal-Kelma ma għandux għaliex jibża'.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas il-Kelma hija mxebbha mad-dawl: Wieħed isir jaf kemm hu sabiħ id-dawl u aktar japprezzah meta dan jitilfu: "Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħek" (Sam 119,105). Ġesù kompla fuq it-tema tad-dawl ukoll meta xebbah lid-dixxipli mad-dawl. Anzi fil-festa tal-Għerejjex Ġesù għolla leħnu u qal: "Jien id-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8,12). Santu Wistin għandu xebh sabiħ ħafna meta dan ixebbah il-Kelma ta' Alla maż-żewġt idwal il-kbar, ix-xemx u l-qamar. Grazzi għal dawn il-bniedem jasal biex jerfa' aktar ħsibijietu lejn Alla ħallieq. Hu huwa dak li nagħmlu f'Ġerusalemm tas-sema, fejn il-Verb ikun direttament id-dawl leqqien (Apok 12,21).



# L-EŻORĊIŻMI TA' ĠESÙ FIL-VANĠELU SKONT SAN MARK (3)

***Marcello Ghirlando OFM***

Il-Vanġelu nifhmuh aħjar jekk inkunu nafu għal min kiteb San Mark. Dan il-Vanġelu nkiteb għal dawk l-Insara li ma kinux ġejjin mill-ġudajiżmu, jiġifieri għal dawk li ma kinux ta' nisel Lhudi. Għalhekk insibu ftit riferimenti għall-profeziji tal-Antik Testment; it-tradizzjonijiet



Lhud iridu jiġu mfissra, l-Aramajk tradott; tingħata importanza għas-sinifikat tal-Vanġelu għall-pagani. Il-Vanġelu huwa miktub mhux tant fl-ambjent tal-Art Imqaddsa, imma f'ambjent u f'kuntest li huwa lingwistikament u kulturalment differenti; jiġi miktub għad-dinja u għall-Knisja Latino-Ellenistika.

San Mark jieħu għalhekk ħsieb jippreżenta l-misteru tas-salib lill-komunità nisranija ġejja mill-paganiżmu. Il-komunità nisranija hija mmexxija biex tagħraf aktar lil Ġesù Kristu, u dan b'mod partikulari fil-mixja warajh fir-realtà tas-salib, fil-kuntest konkret ta' persekuzzjoni. Fis-Salib tal-Imgħallem, huma mistiedna jagħrfu l-Iben ta' Alla u l-opra tiegħu. U ta' dan, huma wkoll isiru xhud u missjunarji tal-Bxara t-Tajba, bħalma sar ir-raġel meħlus mill-ispirti l-ħżiena, fir-reġjun tad-Dekapoli, kif rajna fil-ħarġa li għaddiet.

Tajjeb li niftakru fit-tradizzjoni antika li tgħidilna li San Mark huwa l-awtur tat-tieni Vanġelu. Tradizzjoni ġejja minn Papija, Isqof ta' Ġerapoli li għex fit-tieni seklu WK. It-tradizzjoni tgħidilna li Marku, li kien dixxiplu ta' Pietru, kiteb dan il-Vanġelu, skont ma sema' minn fomm l-Imgħallem tiegħu. Dan Marku, dixxiplu ta' Pietru, jissemma kemm-il darba fit-Testment il-Ġdid (Atti 12:12.25; 13:5.13; 15:36-40; Kol 4:10; 2Tim 4:11; Film 24; 1Pt 5:13). Ġwanni Marku twieled Ġerusalemm minn waħda jisimha Marija li f'darha kienet tilqa' l-ewwel Insara (Atti 12:12-17). Kien kuġin ta' Barnaba u aktarx kien levita bħalu. La kien appostlu u lanqas kien dixxiplu ta' Kristu, imma kien dixxiplu l-ewwel ta' Pawlu u Barnaba, imbagħad ta' Barnaba waħdu u fl-aħħar ta' Pietru. Marku jerġa' jissemma li kien ma' Pawlu meta dan kien fil-ħabs ta' Ruma għall-ewwel darba. Ftit qabel il-martirju tiegħu, Pawlu jitlob lid-dixxiplu tiegħu Timotju biex jieħu miegħu Ruma lil Marku.

Tajjeb li niftakru wkoll li l-Vanġelu skont San Mark huwa mfassal fuq l-iskema tax-xandira tal-Bxara t-Tajba tal-Knisja Appostolika kif insibuha fid-diskora ta' Atti 10:36-42, jiġifieri r-rakkont mill-magħmudija ta' Ġesù sal-qawmien minn bejn l-imwiet. Ovvjament, anke hawn, l-awtur imbagħad jagħġen il-materjal tat-

tradizzjoni mgħoddija lilu skont il-ħsieb proprju tiegħu. L-ewwel vers tal-Vanġelu jista' jitqies bħala titlu u programm tal-kitba: 'Il-Bidu ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla…'. Hu għalhekk li nistgħu naqsmu l-Vanġelu f'żewġ taqsimiet kbar: 1:14 – 8:30 li tagħtina r-rivelazzjoni ta' Ġesù bħala Messija, u 8:31 – 16:8 bħala r-rivelazzjoni ta' Ġesù bħala l-Iben ta'Alla. Iż-żewġ taqsimiet huma miktuba biex jagħtu t-tweġiba għall-mistoqsija: Min hu verament Ġesù?

Nistgħu nistrutturaw il-Vanġelu hekk: f'1:1-13 insibu Introduzzjoni. Fiha hemm ippreżentata l-figura tal-Battista li jorbot il-Vanġelu mal-Antik Testment; għandna l-magħmudija ta' Ġesù u l-ewwel rivelazzjoni: 'Inti ibni l-għażiż, fik sibt il-għaxqa tiegħi.' (1:11).

L-ewwel taqsima, il-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija, tista' tiġi maqsuma fi tliet partijiet. F'1:14 – 3, 6, wara s-sommarju li jiġbor fih ix-xandira tas-Saltna ta' Alla u s-sejħa tad-dixxipli, tiġi ppreżentata l-ħidma jew il-ministeru ta' Ġesù, il-fejqan li joffri u l-kontroversji mal-iskribi u l-fariżej. It-tagħlim tiegħu hu mogħti b'awtorità. F'3:7 – 6:6 insibu t-tagħlim ta' Ġesù mogħti bil-parabboli u l-opri l-kbar tiegħu, bħal per eżempju, li jikkalma t-tempesta, jagħmel l-eżorċiżmi u jagħti l-ħajja lit-tifla ta' Ġajru. F'6:6 – 8:30 insibu ż-żewġ rakkonti tat-tkattir tal-ħobż, il-miraklu tal-fejqan tal-għama, li jsir simbolu tan-nuqqas ta' għarfien tad-dixxipli. F'8:27-30, insibu r-rivelazzjoni ta' Ġesù bħala Messija fl-istqarrija ta' fidi ta' Pietru: 'Inti l-Kristu'. U Ġesù juri li Kristu kien, imma dak li kellu jbati u jasal sas-salib!

It-tieni taqsima tirrakkonta l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Anke din it-taqsima tista' tinqasam fi tliet partijiet. F'8:31 – 10:52 Ġesù jimxi lejn Ġerusalemm u jħejji d-dixxipli biex jifhmu l-messjaniżmu tiegħu: kellu jkun il-Messija tas-salib. Fuq it-Tabor għandna t-tieni rivelazzjoni divina:





‘Dan huwa Ibni l-għażiż, isimgħu lilu’. F’11:1 – 13:37 Ġesù jidħol Ġerusalemm, jippurifika t-Tempju; insibu d-diversi kontroversji mal-kapijiet tal-fariżej, filwaqt li Ġesù jħabbar il-ġudizzju ta’ Alla fuq Ġerusalemm. F’14:1 – 16:8 insibu r-rakkont tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta’ Ġesù f’Ġerusalemm. Ġesù jiddikjara li huwa l-Messija quddiem il-Qassis il-Kbir. Fuq il-Kalvarju nsibu l-qofol tar-rivelazzjoni ta’ Ġesù bħala l-Iben ta’ Alla, minn fomm iċ-ċenturjun (15:39). Jista’ jitqies bħala l-Iben ta’ Alla biss fil-misteru tas-Salib! Insibu wkoll it-tielet rivelazzjoni divina, fuq fomm l-anġlu, quddiem il-qabar: ‘Mhuwiex hawn; qam mill-mewt”. Il-Konklużjoni tal-Vanġelu insibuha f’16:9-20.

## Ġesù jeħles lil bint il-mara Sirofeniċja

It-tielet eżorċiżmu solenni ta’ Ġesù nsibuh f’Mark 7:24-30. Għal darb’oħra Ġesù jinsab f’territorju pagan. Il-fejqan u l-ħelsien mitlub, anke hawn, huwa għal xi ħadd li huwa ‘barrani’ għall-poplu l-magħżul.

Naraw ftit x’jikteb San Mark f’din il-ġrajja, li allura tinsab fl-ewwel parti tal-Vanġelu tiegħu, skont l-iskema li rajna.

“Minn hemmhekk telaq u mar fl-inħawi tal-belt ta’ Tir. Daħal joqgħod f’dar, u ried li ħadd ma jsir jaf. Iżda ma setax ikun li jinħeba, għax malajr semgħet bih waħda mara li kellha lil bintha maħkuma minn spirtu ħażin, u marret tinxteħet f’riġlejh. Issa din il-mara kienet Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha. Bdiet mela titolbu biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha. U hu qalilha: «L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax m’hux sewwa tieħu l-ħobż ta’ l-ulied u tixħtu lill-ġriewi.» Iżda hi weġbitu u qaltlu: «Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal.» Mbagħad qalilha: «Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek.» U xħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda, u x-xitan kien ħareġ minnha” (Mk 7:24-30).

Irridu ta’ bilfors ninnutaw li fis-silta ta’ qabel Ġesù jiġi ppreżentat qed jingħabar id-dar – fiha jipprova jkompli juri l-misteru tas-saltna lid-dixxipli tiegħu, wara diskors fuq it-tradizzjonijiet ta’ l-antenati mal-Fariżej u l-kittieba li kienu ġew minn Ġerusalemm (7:1-23). Iżda jidher, li minkejja li kienu daqshekk qrib tiegħu, ma fehmuhx!

L-intervent ta’ Ġesù mal-mara Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha u mimlija

fidi, tidher aktar sabiħa f'dan il-kuntest. Din il-ġrajja sseħħ fl-inħawi tal-belt ta' Tir. Dan jidher li huwa parti minn trittiku li jippreżenta l-ħidma ta' Ġesù fost il-pagani. Kif diġà rajna, kien fid-Dekapoli li ħeles lir-raġel imxajtan...u anke jekk intalab biex jitlaq, San Mark jirrakkontalna li reġa' lura, u wara li jeħles lil bint il-mara, ifejjaq ukoll trux u mbikkem; hija l-fidi fih li tiftaħ l-għajnejn, il-widnejn u l-qlub! "Raġa' telaq mill-inħawi tal-belt ta' Tir, għadda minn Sidon lejn il-baħar tal-Galilija, fl-inħawi tad-Dekapoli. U ġabulu wieħed, trux u mbikkem, u talbuh iqegħedlu idu fuqu...wara li daħħal subgħajh f'widnejh u messlu lsienu bir-riq tiegħu, rafa' għajnejh lejn is-sema, tniehed tnehida, u qallu: 'Effata,' jiġifieri, 'Infetaħ!'. U minnufih widnejh infetħulu, l-irbit ta' lsienu nħallu u qabad jitkellem sewwa....U mimlijin bil-għaġeb, bdew jgħidu: 'Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin'" (Mk 7:31-37).

Tajjeb li niftakru wkoll li wara l-ġrajja tal-fejqan tar-raġel trux u mbikkem Ġesù, imqanqal mill-ħniena, jerġa' jkattar il-ħobż – seba' ħobżiet u xi ftit ħut – għal folla mxennqa għall-kelma qawwija tiegħu li kienet tgħodd daqs erbat elef ruħ (Mk 8:1-10). Quddiem dan kollu, il-Fariżej jitolbu sinjal! In-nuqqas ta' fidi tagħhom hija tremenda tant li meta Ġesù jmur ix-xatt l-ieħor, quddiem il-fatt li kienu nsew il-ħobż, jinsisti li joqogħdu attenti mill-ħmira tal-Fariżej u ta' Erodi; min-nuqqas ta' fidi li ġġib insinwazzjonijiet negattivi (Mk 8:14-21).

L-atteġġjament tagħhom irid ikun bħal dak tal-għama minn Betsajda – belt bejn il-Galilija u d-Dekapoli – li Ġesù jagħtih progressivament id-don tad-dawl, dawl li jkabbar il-fidi, fidi li teħles u li tagħmel minnu mibgħut (Mk 8:22-26).

Il-mara Griega, Sirofeniċja, hija għalhekk mara ta' fidi; anke jekk pagana, kuntrarjament għall-atteġġjament tan-nuqqas ta' fidi li jilmenta fuqu Ġesù, għandha l-kapaċità li tibqa' temmen fiH; mhux biss tiddawwal minnu imma bil-qawwa tal-fidi tagħha tesperjenza d-dawl ġdid tal-ħelsien mogħti lil bintha li tinħeles mill-għama tal-ispirtu ħażin.

Is-silta evanġelika tfakkar li Ġesù jħalli lil Galilija u jasal fl-inħawi tal-belt ta' Tir; "Daħal joqgħod f'dar,



u ried li ħadd ma jsir jaf. Iżda ma setax jinħeba, għax malajr semgħet bih waħda mara li kellha lil bintha maħkuma minn spirtu ħażin, u marret tinxteħet f'riġlejh. Issa din il-mara kienet Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha" (8:24-26).

Hija mara, omm, li tixtieq l-aħjar għal bintha. Kienet semgħet b'dan Ġesù ta' Nazaret tgħaġġel tfittex lil Ġesù. Il-bżonn jidher li kien kbir. Bħal Ġajru (5:22-23) tinxteħet f'riħlejn Ġesù b'talba mqanqla biex hu jeħles lil bintha minn spirtu ħażin. Hu biss seta' jfejjaqha u jeħlisha! "Bdiet mela titolbu biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha" (8:26) .

Kemm setgħet tidher stramba għal dik l-omm, u għalina, it-tweġiba ta' Ġesù: "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sewwa li tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-griewi" (8:27). Setgħu l-pagani jidħlu jieklu mal-Lhud, ma' dawk li jemmnu, huma li minħabba l-idolatrija tagħhom kienu jitqiesu bħala "klieb"?

Imma l-fidi (Mt 15:28) u l-karba ta' l-omm, mhux talli ddgħajfet f'dak il-mument, imma saret aktar qawwija. Tirbaħ kull sottomissjoni kulturali tal-mara lejn ir-raġel u b'qawwa liema bħalha twieġeb għar-raġunament ta' Ġesù, mingħajr talqliq ta' xejn: "Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-griewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal". Kelma qawwija li tesprimi fidi u fiduċja llimitata fil-qawwa u fil-kelma setgħana ta' Ġesù, tant li Ġesù jgħidilha: "'Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek'. U x'ħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda, u x-xitan kien ħareġ minnha" (8:29-30). Minħabba din il-kelma, frott fidi li toħroġ mill-qalb ta' omm pagana t-tifla tiġi meħlusa!

F'din is-silta mgħandniex konfront dirett bejn Ġesù u l-ispirtu ħażin u lanqas ordni solenni ta' Ġesù: hija l-fidi tal-omm li tiftaħ is-sitwazzjoni beraħ għal bintha għall-kelma qawwija u ħelliesa ta' Ġesù: "'Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek'". L-ispirtu huwa diġà mkeċċi. Il-fidi kienet qawwija. Il-bint hija meħlusa.

Din is-silta tikkonferma li ma Ġesù li jistieden anke l-pagani għall-mejda tas-saltna, is-saltna tax-xitan tasal fi tmiemha.

Dan huwa eżorċiżmu li juri li kulħadd, jekk jemmen f'Ġesù, huwa mistieden għall-mejda tas-Saltna. Ħadd aktar ma kellu jkun eskluż. Hu forsi proprju għalhekk, kif diġà rajna, li fit-tieni tkattir tal-ħobż li jirrakkonta San Mark, issa għandna mhux aktar ħames imma seba' ħobżiet, sinjal li issa kulħadd huwa mistieden għall-medja tas-Saltna. Dan l-eżorċiżmu jikkonferma dan kollu.

*(Ikompli)*



# ID-DIXXIPLU LI ĦABB ĠESÙ: L-ANONIMITÀ U L-IDENTITÀ FIR-RABA' EVANĠELJU

*Fr Martin Micallef OFMCap*

Mhux faċli tittratta l-preżentazzjoni tad-dixxiplu enigmatiku identifikat fir-Raba' Evanġelju bil-klawsola: "li kien iħobb Ġesù." Ir-raġuni għal dan huma l-ħafna kwestjonijiet li hemm marbuta mal-interpretazzjoni tal-preżenza ta' dan il-personaġġ f'din in-narrativa. Fost dawn




il-kwestjonijiet li għadhom qed jirċievu attenzjoni minn numru ta' studjużi ta' dan l-Evanġelju hemm l-anonimità ta' dan il-personaġġ u r-rwol tiegħu fl-istess narrativa.[1] F'dan l-artiklu sejrin nippruvaw nesploraw ir-rabta li hemm bejn l-anonimità u l-identità, b'enfasi speċjali fuq id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù bħala x-xhieda wara n-narrativa tar-Raba' Evanġelju.

## L-Anonimità fir-Raba' Evanġelju

Id-dixxiplu "dak li Ġesù kien iħobb," biex nużaw il-frażi li jużа l-istess Evanġelista meta jirreferi għal dan il-personaġġ, jitfaċċa għall-ewwel darba fin-narrativa mingħajr ebda isem. Minflok l-isem, l-awtur jikkwalifika lil dan id-dixxiplu bi frażi li magħha ma jagħtina l-ebda spjegazzjoni, forsi minħabba li l-awtur tal-Evanġelju ħass li dak li kien qed igħid kien biżżejjed għall-qarrejja tiegħu. Hekk naqraw fi Ġw 13:23 "Wieħed mid-dixxipli tiegħu, *dak li Ġesù kien iħobb*, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù."

Hemm drabi oħra fl-istess narrativa, fejn l-espressjoni "id-dixxiplu li Ġesù kien iħobb," tinbidel għad-"Dixxiplu l-Maħbub." Ħafna studjużi jippreferu jiktbu hawn l-ewwel ittri b'ittri Kapitali: id-"[D]ixxiplu l-[M]aħbub." Dan juri li dan il-mod kif l-Evanġelista jirreferi għal dan id-dixxiplu jsir nom proprju, u li għal raġunijiet diversi, dan isir isem fih innifsu.[2]

It-tentattivi tal-istudjużi sabiex jippruvaw jiskopru l-identità tad-dixxiplu li kien iħobb Ġesù qatt ma waqfu. Eżempji reċenti jvarjaw minn dawk li jidentifikaw lil dan id-dixxiplu ma' Ġwanni, bin Żebedew permezz tal-istess struttura tan-narrativa,[3] għal analiżi ta' tradizzjonijiet fuq dan id-dixxiplu li jmorru lura għall-evanġelji apokrafi tat-tieni seklu bħala xhieda ta' komunitajiet f'kompetizzjoni bejniethom fuq l-awtorità tad-dixxiplu favorit tagħhom bħala dak li Ġesù ħabb.[4] Assunzjoni komuni f'dawn l-istudji kollha hija li d-dixxiplu li Ġesù ħabb huwa wieħed mill-karattri li jissemmew b'isimhom f'din in-narrativa. Ben Witherington, per

eżempju, ingħaqad ma' dawk li huma konvinti li Lazzru hu l-uniku dixxiplu ppreżentat b'ismu f'dan l-Evanġelju li jikkwalifika għal din l-identifikazzjoni.[5]

Charlesworth li għandu wieħed mill-aktar studji komprensivi f'dan is-suġġett, jidher li huwa pjuttost żbaljat meta jikteb illi fir-rigward tad-dixxiplu li kien iħobb Ġesù, l-anonimità bil-mod il-mod twassal sabiex fl-aħħar tikxef l-identità tad-Dixxiplu l-Maħbub.[6] Pjuttost iżda, li fin-narrativa tar-Raba' Evanġelju nsibu xi ħaġa bil-maqlub, fejn l-istess narrativa tirreżisti kull attentat min-naħa tal-qarrejja sabiex isir xi tip ta' identifikazzjoni fir-rigward ta' dan id-dixxiplu.[7]

Ir-raġuni għal anonimità ta' dan id-dixxiplu mhijiex minħabba li hu ma kienx magħruf sewwa għall-qarrejja, kif iżommu xi wħud. Minflok, is-sinifikat tal-anonimità ta' dan id-dixxiplu rridu nippruvaw insibuh fir-rivelazzjoni tar-Raba' Evanġelju, jiġifieri li hemm persuna waħda biss li ismu hu importanti u li hemm persuna waħda biss li l-identità tagħha hi meħtieġa għalina.

## L-Identità tal-*Logos* fir-Raba' Evanġelju

F'dan l-Evanġelju, l-uniku karattru li l-identità tiegħu għandha tifsira dejjiema nsibuha diġà preżenti fl-ewwel versi tal-Prologu bħala dak li kien mill-bidu u li l-eżistenza tiegħu kienet ħaġa waħda ma' Alla u li hu kien jeżisti bħala Alla. L-identità tiegħu bħala Alla, il-Kelma/Logos li sar bniedem, hija l-premessa li biha jiftaħ dan l-Evanġelju. Il-qarrej jitgħallem li huwa permezz tat-twemmin fih li aħna nistgħu nirċievu l-ħajja ta' Alla.

Dan it-twemmin hu speċifikament dikjarat bħala li temmen f'ismu: "Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk *li jemmnu f'ismu*" (Ġw 1:12). Minkejja din l-istqarrija, l-isem li fih iridu jemmnu mhuwiex mogħti f'dan il-punt bikri tan-narrativa. L-importanza tat-twemmin bħala l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju huwa muri fil-wegħda li Ġesù jagħmel lil Nikodemu f'3:16: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." L-għan, mela, li għalih il-Missier bagħat lill-Iben hu sabiex il-ħajja ta' dejjem tingħata permezz tat-twemmin fih. L-affermazzjoni dwar l-għan li għalih inkiteb l-Evanġelju li nsibu f'20:31 tikkonferma li r-raġuni ta' din in-narrativa hija identika għall-





għan li għalih Alla bagħat lil Ibnu. “Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta’ Alla u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f’ismu.”

L-importanza kbira li tingħata f’dan l-Evanġelju, mela, għall-identità ta’ Ġesù bħala dak li ġie mibgħut mill-Missier, tagħmel insinifikanti kull identità oħra. Dan narawh tajjeb, per eżempju, fid-dibattitu bejn Ġwanni [il-Battista] u l-qassisin u l-Leviti li nsibuh immedjatament wara l-Prologu, episodju li jifforma l-ewwel laqgħa li l-qarrej ta’ dan l-Evanġelju jkollu ma’ personaġġ storiku. Fil-Prologu diġà naqraw dwar Ġwanni bħala dak li “ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl” (1:7-8). Immedjatament wara l-Prologu, issir mistoqsija diretta dwar l-identità ta’ Ġwanni meta l-qassisin u l-Leviti jistaqsuh: “Int min int?” (1:19). It-tweġiba ta’ Ġwanni għal din il-mistoqsija diretta hija waħda sinifikattiva sabiex il-qarrejja jifhmu l-kwestjoni tal-identità f’dan l-Evanġelju.

Fil-fatt, l-Evanġelista hawn juża formula qawwija ripetuta għal tliet darbiet: “Hu stqarr bla ma ċaħad” (1:20). Din il-formula tintroduċi “stqarrija” li mhijiex stqarrija, iżda pjuttost ċaħda![8] Minflok ma wera l-identità tiegħu, Ġwanni jiċħad b’mod qawwi li hu m’għandux jiġi identifikat bħala l-Kristu/il-Messija. F’kelma oħra, l-inkjesta dwar l-identità ta’ Ġwanni tiġi mwieġba biss permezz ta’ ċaħda, b’dak li hu ma kienx. L-uniku tweġiba pożittiva tiegħu dwar l-identità tiegħu hija dik li hu ġie biex iħejji t-triq għal dak li kellu jiġi warajh u li hu ma kienx jistħoqqlu jħollu l-qafla tal-qorq tiegħu.

Fid-dawl ta’ dan kollu fejn iċ-ċentru jibqa’ Ġesù, l-uniku wieħed li l-identità tiegħu għandha valur huwa proprju Hu, il-Mibgħut tal-Missier li ġie biex jagħti l-ħajja lil dawk kollha li jemmnu f’ismu.

## Il-mod narrativ kif jiġi ppreżentat id-dixxiplu l-maħbub

L-importanza għall-mistoqsija tal-istoriċità ta’ dan id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù ġibdet ħafna attenzjoni. Nistgħu

nqisu lil dan id-dixxiplu sempliċiment biss bħala figura rappreżentattiva, jew irridu nħarsu lejn dan id-dixxiplu bħala persuna storika u allura bħala l-garanzija tal-verità tan-narrattiva li kiteb? Xi studjużi jargumentaw kontra l-istoriċità ta' dan id-dixxiplu.[9] Min-naħa l-oħra, numru kbir ta' studjużi ma jwarrbux il-pożizzjoni li dan id-dixxiplu kien tassew persuna storika, għalkemm dawn l-istudjużi jiffukaw l-aktar fuq il-funzjoni tad-Dixxiplu l-Maħbub f'din in-narrattiva.

Raymond Collins, per eżempju, iqis lid-dixxiplu li kien iħobb Ġesù bħala figura rappreżentattiva, id-dixxiplu *par excellence*.[10] Collins jiċħad li din il-funzjoni tnaqqas mir-realtà tiegħu bħala persuna storika, filwaqt li jistqarr li dan id-dixxiplu hu verament individwu reali.[11] Bauckham imur lil hemm saħansitra minn dan filwaqt li jargumenta li d-dikjarazzjoni tan-narrattiva f'21:24-25 tgħinna nagħrfu kif l-istess narrattiva tagħraf li d-dixxiplu li kien iħobb Ġesù huwa l-awtur tar-Raba' Evanġelju.[12] Għalih iżda, dan ma jfissirx li dan hu d-dixxiplu ideali. Bauckham jargumenta li filwaqt li hemm xi drabi fejn id-Dixxiplu l-Maħbub jiffunzjona b'dan il-mod, hemm dixxipli oħra wkoll li jiffunzjonaw b'dan l-istess mod.[13] Bauckham jemmen li fil-kapitlu 21 Pietru huwa mpinġi bħala l-mudell ideali tad-dixxipulat, minħabba li ġie magħżul minn Ġesù bħala ragħaj.[14]

Biex nippruvaw nevalwaw ġudizzju bħal dan irridu nħarsu lejn il-kontenut rivelat tan-narrattiva dwar id-dixxipulat fir-Raba' Evanġelju. Li tkun dixxiplu ideali ma jfissirx li tkun ragħaj tal-merħla ta' Alla, rwol bibliku limitat għal ftit biss. Minflok, li temmen u li tagħti xhieda jiġbru t-tifsira tad-dixxipulat kif inhu muri f'dan l-Evanġelju. Li temmen huwa l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġeju kif naqraw f'20:31. Minbarra din l-istqarrija lejn tmiem dan l-Evanġelju, nistgħu ngħidu li t-tema tat-twemmin tispikka f'din in-narrattiva.

Dan ma jfissirx illi li temmen huwa sempliċiment kunċett fir-Raba' Evanġelju. Fil-laqgħa ta' Ġesù mal-uffiċjal, in-narrattiva tgħid li wara li Ġesù ddikjara li ibnu jgħix, ir-raġel emmen [bil-Grieg: *episteusen*] il-kelma ta' Ġesù u mar kif kien qallu (4:50). Fit-triq huwa jiltaqa' mal-qaddejja li jagħtuh l-aħbar tal-fejqan ta' ibnu u l-konferma tal-kliem ta' Ġesù. Bi tweġiba għal dan nerġgħu naqraw fil-v.53 li r-raġel "emmen" [bil-Grieg: *episteusen*]. Fi kliem Brodie, *pisteuo* - li temmen, huwa t-taħbit tal-qalb tal-evanġelju.[15]

Li temmen, iżda, hu muri f'dan l-Evanġelju bħala proċess u mhux bħala xi ħaġa istantanja jew ta' darba. Dan imur lil hemm mill-kontenut intelletwali għal xi ħaġa aktar fundamentali: l-aċċettazzjoni ta' Kristu u r-rieda li tibqa' miegħu minkejja kull diffikultà li nistgħu niltaqgħu magħha.[16] F'dan kollu d-dixxiplu li kien iħobb Ġesù huwa ta' għajnuna kbira għall-qarrej ta' dan l-Evanġelju. Il-fatt li dan id-dixxiplu ma jingħatax isem jgħin biex il-qarrejja tar-Raba' Evanġelju jidentifikaw ruħhom ma' dan id-dixxiplu li emmen u ta xhieda ta' Ġesù, dak li kien mill-bidu mal-Missier li hu Alla nnifsu u li ħa l-ġisem biex jgħammar fostna (1:14).

Kif rajna meta naqraw b'attenzjoni dan l-Evanġelju, ma nsibu qatt l-isem tad-dixxiplu li kien iħobb Ġesù, lanqas xi informazzjoni fuq l-isfond storiku familjari tiegħu. Minflok l-anonimità tiegħu għandha funzjoni letterarja: dik li tgħin lill-qarrejja jiltaqgħu mal-Iben ta' Alla, il-Mibgħut tal-Missier.

## Referenzi

1 Ara David R. Beck, *The Discipleship Paradigm: Readers and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*, Biblical Interpretation Series 27 (Leiden: Brill, 1997). F'dan il-ktieb Beck juri kif l-anonimità tassisti lill-qarrej

sabiex jidentifika ruħu ma' dawk il-karattri li fin-narrativa huma murija bħala mudelli tad-dixxipulat.

2 Ara Jo-Ann A. Brant, *Dialogue and Drama: Elements of Greek Tragedy in the Fourth Gospel* (Peabody, Ma: Hendrickson, 2004), 199.

3 Ara Daniel F. Stamara Jr, "The Chiastic Key to the Identity of the Beloved Disciple," *St. Vladimir's Theological Quarterly* 53,1 (2009): 25.

4 Ara Marvin Meyer, "Whom Did Jesus Love Most? Beloved Disciples in John and Other Gospels," *The Legacy of John: Second-Century Reception of the Fourth Gospel,* ed. Toumas Rasimus, Novum Testamentum Supplements 132 (Leiden/Boston: Brill, 2010), 73-91.

5 Ara Ben Witherington III, *What Have They Done to Jesus? Beyond Strange Theories and Bad History - Why We Can Trust the Bible* (San Francisco: HarperOne, 2006), 146.

6 James H. Charlesworth, *The Beloved Disciple: Whose Witness Validates the Gospel of John?* (Valley Forge, PA: Trinity Press International, 1995), xv.

7 Fuq dan il-punt ara Derek Tovey, *Narrative Art and Act in the Fourth Gospel,* Journal for the Study of New Testament Supplement Seires 151 (Sheffield, Sheffield Academic Press, 1997), 123.

8 Ara Marinus de Jonge, "John the Baptist and Elijah in the Fourth Gospel," *The Conversation Continues: Studies in Paul and John in Honor of J. Louis Martyn,* eds. Robert T. Fortna and Beverly Gaventa (Nashville: Abingdon, 1990), 302.

9 Ara Ismo Dunderberg, "The Beloved Disciple in John: Ideal Figure in an Early Christian Controversy," *Fair Play: Diversity and Conflicts in Early Christianity - Essays in Honour of Heikki Räisänen,* eds. Ismo Dunderberg and Christopher Tuckett, Novum Testamentum Supplements 132 (Leiden: Brill, 2002), 269.

10 Raymond Collins, "From John to the Beloved Disciple: An Essay on Johannine Characters," *Interpretation* 49 (1995): 367.

11 Raymond Collins, "Representative Figures in the Fourth Gospel," *Downside Review* 94 (1976): 131.

12 Richard Bauckham, "Fourth Gospel as the Testimony of the Beloved Disciple," *The Gospel of John and Christian Theology,* eds. Richard Bauckham and Carl Mosser (Grand Rapids: Eerdmans, 2008) 126-131.

13 Ara Richard Bauckham, *The Testiony of the Beloved Disciple* (Grand Rapids: Baker Academic, 2007), 82.

14 Ibid., 86.

15 Thomas Brodie, *The Gospel According to John: A Literary and Theological Commentary* (New York: Oxford University Press, 1993), 192.

16 Fuq dan il-punt ara Kelli S. O'Brien, "Written That You May Believe: John 20 and Narrative Rhetoric," *Catholic Biblical Quarterly* 67 (2005): 291. Ara wkoll E. Hylen, *Imperfect Believers: Ambiguous Characters in the Gospel of John* (Louisville: Westminister John Knox, 2009), 158.



# L-GĦADIRA TAL-GALILIJA QED TINXEF?

***Adriana Poletti***

*The Holy Land Review*, **Vol. 10, No. 14, Fall 2017, 39**




Il-Baħar tal-Galilija ma għadux jidher li qisu baħar. Magħruf b'diversi ismijiet, fosthom l-Għadira ta' Tiberija, Kinneret, jew l-Għadira ta' Ġennesaret, fis-sena 2017 kien niżel għall-aktar livell baxx f'seklu, skont il-kalkoli tal-*Israeli Water Authority*. Huma eluf il-pellegrini li jitpaxxew bix-xtut ta' din l-Għadira. Tassew, skont l-Evanġelji, din l-Għadira kienet wieħed mill-postijiet preferuti ta' Ġesù: is-sit ta' bosta qabdiet mirakolużi ta' ħut, tal-mirakli tat-tkattir tal-ħobż, il-post li fih Ġesù rrivela lilu nnifsu lid-dixxipli. Imma llum din l-Għadira hi differenti ħafna minn dik li kien jaf Ġesù.

L-Għadira ta' Tiberija kienet darba r-riżerva ewlenija ta' ilma frisk f'Israel. Illum tipprovdi l-ilma biss għaż-żoni madwar il-Galilija, jiġifieri l-parti tat-tramuntana ta' Israel. Tliet kwarti tal-ilma tax-xorb u aktar minn nofs l-ilma li jintuża għas-saqwi jiġi minn fabbriki ta' desalinazzjoni tal-ilma tal-baħar, li jipprovdu ilma għal 75 fil-mija tal-bżonnijiet tal-iStat ta' Israel.

X'inhi r-raġuni, mela, li l-livell tal-ilma fl-Għadira kompla nieżel? Is-sitwazzjoni "issa saret serja", qal Amir Givati tal-*Israeli Water Authority*. Għal ħafna snin l-Għadira ta' Tiberija kienet l-unika riżorsa ta' ilma għall-pajjiż. Għal din ir-raġuni ġew ippumpjati minnha miljuni ta' metri kubi ta' ilma, sa żoni bogħod bħalma hu d-Deżert tan-Negev fin-nofsinhar ta' Israel.

Il-ħolma Israeljana kienet dejjem dik li d-deżert jibda jwarrad. Mill-2015, grazzi għat-twaqqif ta' fabbriki ta' desalinazzjoni tal-ilma baħar, it-300 miljuni metri kwadri ta' ilma li kienu jiġu ppumpjati qabel mill-Għadira tal-Galilija, issa niżlu għal 50 miljun. Imma l-Għadira kienet diġà tilfet kwantità kbira ta' ilma.

Mhijiex l-unika li ġralha hekk. L-istess ġara fil-każ tal-Baħar il-Mejjet, li wkoll qiegħed jinxef minn sena għal oħra. Dan il-fenomenu jiġi spjegat min-nuqqas ta' ilma li qabel kien jidħol fih mix-Xmara Ġordan. Din ix-xmara tgħaddi wkoll mill-Għadira ta' Tiberija.

Biex wieħed jikkalkula t-tnaqqis tal-ilma, irid imur lura. L-Għadira ta' Tiberija tinsab madwar 243 metru taħt il-livell tal-baħar. Teoretikament, mhux possibbli li llum jiġi ppumpjat aktar ilma mill-Għadira. Qed noqorbu lejn "il-linja sewda" ta' 213 metri taħt il-livell tal-baħar: dan hu l-limitu massimu.

Biex tgħaxxaqha, għal erba' snin wara xulxin kellna xtiewi xotti. L-ippumpjar tal-ilma jkompli, anke bi kwantità ridotta ta' ilma. Il-figuri ma jawguraw xejn tajjeb: fi Frar 2017 ir-reġjun irrekordja biss 10 fil-mija tax-xita li tinżel kull sena.

Normalment, dawn suppost li kienu jaslu għal 50-60 fil-mija. U anke jekk, ta' kull sena matul ix-xitwa, naraw żjieda fl-ammont totali tal-ilma, imma dan jibqa' ħafna inqas minn dak li suppost ikun. Din is-sena l-Għadira żdiedet b'20 ċentimetri fi Frar, meta suppost li x-xita li tinżel kull sena tkun ta' madwar 61 ċentimetri.

Din in-nixfa għandha diversi effetti li jidhru. Loġikament, inqas ma jkun hemm xita, aktar tikber id-densità tal-melħ fl-ilma. Dan joħloq problemi għan-natura, u wkoll għall-industrija tas-sajd.

Sa ftit tas-snin ilu, kien hemm madwar 22 speċi ta' ħut fl-Għadira, u s-sajd ta' kull sena kien jammonta għal 2000 tunnellata. Illum l-industrija tinsab f'periklu.

Bħalissa qed jinbena impjant ta' desalinazzjoni ieħor fil-punent tal-Galilija, biex hekk jippruvaw isibu tarf tal-problema u jieqfu jippumpjaw l-ilma mill-Għadira. Imma hemm diversi protesti li ma jridux li jinbena dan l-impjant.

Sadanittant il-gvern Israeljan qed jinkuraġġixxi programmi ta' edukazzjoni kontra l-ħala tal-ilma. L-ommijiet Israeljani jgħidulek: "Agħlaq il-vit tal-ilma sakemm taħsel snienek - qed tbattal l-Għadira ta' Tiberija!" Hi ħaġa tajba li l-popolazzjoni tiġi edukata biex tibża' għall-ilma. Imma Julie Trottier, direttriċi tar-riċerka fil-Centre National Française de la Recherche Scientifique (CNRS) f'Ġerusalemm, tfakkarna li "l-ilma li jintuża kuljum mid-djar jirrappreżenta biss 7 fil-mija tal-konsum totali. F'kelma oħra, hi qatra f'barmil! L-irrigazzjoni, mill-banda l-oħra, tirrappreżenta madwar 93 fil-mija."

Fra Luca Panza, superjur Franġiskan tal-kunvent ta' Kafarnahum, fuq ix-xatt tat-tramuntana tal-Għadira ta' Tiberija, qalilna: "Hawnhekk naraw dan il-fenomenu kuljum. L-Għadira niżlet. Ilna ninnutawha nieżla sa mill-2016. Tassew timpressjona ruħek."

Fra Luca jinnota li "x-xatt tal-Għadira ħdejn il-kunvent żdied b'6.9 sa 7.6 metri! Biżżejjed tħares lejn il-blat. Xi wħud minnhom kienu xi darba taħt l-ilma, imma issa huma niexfa qoxqox."

Il-pellegrini li jżuru s-Santwarji fuq l-Għadira (Tiberija, Tabgha, Kafarnahum) jinnutaw dan il-fenomenu. F'Tabgha l-famużi "tronijiet" tal-appostli kienu jkunu taħt l-ilma, u hekk jidhru meta żar l-Art Imqaddsa l-Papa Pawlu VI fl-1964. Illum huma fuq ix-xatt u l-ilma diffiċli jilħaqhom. F'Kafarnahum għadu jidher il-port li fih qabel kienu jaslu d-dgħajjes tal-pellegrini minn Tiberija. Illum il-port hu foss niexef u l-moll jispiċċa fil-blat. L-Għadira tinsab diversi metri bogħod.

Kieku kellu jerġa' jiġi Ġesù fl-Għadira tiegħu, se jsib aktar ilma li fuqu jista' jimxi? Għalissa fadallu biżżejjed, imma x'se jiġri fil-futur jekk l-Għadira tkompli tinxef?



**Art Imqaddsa**
13 - 21 Settembru 2018